Nru. 18,120
Prezz/Price
Lm2.24 (€5.22)

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 31 ta' Awissu, 2007
Friday, 31st August, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 772**

**AKKWIST TA' ART**

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-31 ta' Awissu, 2007
(File No. L586/81/III/2)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata l-5 ta' Lulju, 1991 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Lulju, 1991, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 480, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art f'Ħal Kirkop, tal-kejl ta' madwar 69 metru kwadru, li tinkludi fuqha parti minn kumpless ta bini (mwaqqa'), li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Kapitolu tal-Katidral ta' l-Imdina, mill-Grigal ma' proprjetà ta' Benedict Debono u mil-Lbiċ ma' triq pubblika, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja f'Ħal Kirkop:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 19-il metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Rocco Camilleri u mix-Xlokk proprjetà ta' l-eredi tas-Sur Benedict Cassar.

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 772**

**ACQUISITION OF LAND**

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

31st August, 2007

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 5th July, 1991 and published in the government Gazette of the 12th July, 1991, under Notice No. 480, the President of Malta had declared that the plot of land at Kirkop, of the area of about 69 square metres, including on it part of a building complex (demolished), bounded from the North West by property of the Mdina Cathedral Chapter, on the North East by property of Benedict Debono and on the South West by a public road, is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

*Description of the Land*

The following land at Kirkop:-

1. A plot of land of the area of about 19 square metres, bounded on the South West and North West by property of Mr Rocco Camilleri and on the South East by property of the heirs of Mr Benedict Cassar.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar u murija bħala *plot* nru. 2A fuq il-pjanta P.D. 227A_81_1, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
*President*

Il-21 ta' Awissu, 2007

The abovementioned land is shown marked with the colour red and shown as plot no. 2A on plan P.D. 227A_81_1, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
*President*

21st August, 2007

**Nru. 773**

**'WARRANT' MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

*Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin*
Is-Sur Eric Cachia
Is-Sur Edwin Abela
Dott. Corinne Casha
Ms Sharon Zarb
Ms Elizabeth Mikkelsen
Ms Ruth Mary Farrugia
Ms Christine Pace

B'Awtorità
TONIO BORG
*Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern*

Il-31 ta' Awissu, 2007
(MJHA/144/2003/V)

**No. 773**

**WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS**

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and home Affairs appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

*Ministry of Foreign Affairs*
Mr Eric Cachia
Mr Edwin Abela
Dr Corinne Casha
Ms Sharon Zarb
Ms Elizabeth Mikkelsen
Ms Ruth Mary Farrugia
Ms Christine Pace

By Authority
TONIO BORG
*Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs*

31st August, 2007

**Nru. 774**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)**

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

**No. 774**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)**

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Francis Bajada | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Teżor<br>*Treasury* | 13–24.08.2007 |

Il-31 ta' Awissu, 2007

31st August, 2007

**Nru. 775**

**ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)**

**Nomina ta' Lista ta' Tobba**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilha bl-artikolu 106 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali ħatret it-tobba li jidhru hawn taħt biex ikunu membri tal-Lista ta' Tobba għall-finijiet speċifikati ta' l-imsemmi Att.

Dawn il-ħatriet huma valida sal-31 ta' Diċembru, 2007.

In-Notifikazzjonijiet tal-Gvern li saru qabel u li jikkonċernaw l-istess suġġett huma b'din imħassra.

Dott. Gino Abela, M.D.
Dott. Harold Abela, M.D.
Dott. Alfred Aquilina, M.D.
Dott. Christine Bajada, M.D.
Dott. Francis Bartolo, M.D.
Dott. Louis Bonello, M.D.
Dott. Alexandra Buttigieg, M.D.
Dott. Doreen Cassar, M.D.
Dott. Jean Pierre Cauchi, M.D.
Dott. France Consiglio, M.D.
Dott. Alexandra Cutajar, M.D.
Dott. Renzo Degabriele, M.D.
Dott. George Depasquale, M.D.
Dott. Alan Ellul, M.D., M.Sc. (Zag)
Dott. Laurence Ellul, M.D.
Dott. Sandra Falzon Camilleri, M.D.
Dott. Godfrey Farrugia, M.D.
Dott. Victoria Farrugia Sant'Angelo, M.D.
Dott. Herbert Lenicker, M.D., D.Sc., D.C.H.
Dott. Anthony Livori, M.D.
Dott. John Mizzi, M.D.
Dott. Victor Muscat, M.D., D.M.R.T. (Lond)
Dott. Joseph G. Pace, M.D.
Dott. Cecil Tancred Paris, M.D., P.Pharm.
Dott. Espedito Rapa, M.D.
Dott. Mario R. Rizzo Naudi, M.D.
Dott. Roy Schembri Wismayer, M.D., D.C.P. (Lond), Dip. Bact. (Lond), Primary R.C. Path (Haem) UK, A.M.C.A.P.
Dott. Carmel Sciberras, M.D., F.R.C.S. (Glas)
Dott. Philip Sciortino, M.D.
Dott. Paul Vassallo Agius, M.D., F.R.C.P.(Lond), D.C.H.
Dott. Joseph Vella Baldacchino, M.D., D.I.S. Psych.
Dott. Joseph L. Zammit, M.D.

Il-31 ta' Awissu, 2007

**No. 775**

**SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)**

**Appointment of Medical Panel**

IN exercise of the powers vested in her by section 106 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for the Family and Social Solidarity has appointed the Medical Officers shown hereunder to be members of the Panel of Medical Practitioners for the purposes of the said Act.

These appointments shall remain valid up to the 31st December, 2007.

Previous Government Notices concerning the same matter are hereby revoked.

Dr Gino Abela, M.D.
Dr Harold Abela, M.D.
Dr Alfred Aquilina, M.D.
Dr Christine Bajada, M.D.
Dr Francis Bartolo, M.D.
Dr Louis Bonello, M.D.
Dr Alexandra Buttigieg, M.D.
Dr Doreen Cassar, M.D.
Dr Jean Pierre Cauchi, M.D.
Dr France Consiglio, M.D.
Dr Alexandra Cutajar, M.D.
Dr Renzo Degabriele, M.D.
Dr George Depasquale, M.D.
Dr Alan Ellul, M.D. M.Sc. (Zag)
Dr Laurence Ellul, M.D.
Dr Sandra Falzon Camilleri, M.D.
Dr Godfrey Farrugia, M.D.
Dr Victoria Farrugia Sant'Angelo, M.D.
Dr Herbert Lenicker, M.D., D.Sc., D.C.H.
Dr Anthony Livori, M.D.
Dr John Mizzi, M.D.
Dr Victor Muscat, M.D., D.M.R.T. (Lond)
Dr Joseph G. Pace, M.D.
Dr Cecil Tancred Paris, M.D., P.Pharm.
Dr Espedito Rapa, M.D.
Dr Mario R. Rizzo Naudi, M.D.
Dr Roy Schembri Wismayer, M.D., D.C.P. (Lond), Dip. Bact. (Lond), Primary R.C. Path (Haem) UK, A.M.C.A.P.
Dr Carmel Sciberras, M.D., F.R.C.S. (Glas)
Dr Philip Sciortino, M.D.
Dr Paul Vassallo Agius, M.D., F.R.C.P. (Lond), D.C.H.
Dr Joseph Vella Baldacchino, M.D., D.I.S. Psych.
Dr Joseph L. Zammit, M.D.

31st August, 2007

**Nru. 776**

**MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U XOGĦOL**

**Kumitat Permanenti għall-Edukazzjoni**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kumitat Permanenti għall-Edukazzjoni, kif stabbilit fl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), hu kompost kif ġej:

*Chairman*
L-Onor. Dott. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P. – Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol

*Viċi Chairman*
Is-Sur Frans Borg, M.Ed., B.A., Dip.Admin &Mgt, Dip. Counselling – Permanent Secretary - MEYE

*Membri*
Dott. Cecilia Borg, Doct.e's Ling, Direttur Ġenerali - MEYE
Is-Sur Joseph F X Zahra, B.A. (Hons.) (Econ), M.A. (Econ). – *Chairman* NCHE
Ms Micheline Sciberras, Dip. Youth Stud., B.Ed.,(Hons), M.A. (Durham) – Direttur *Policy Development and Programme Impl.*
Is-Sur Paul Attard, Dip. Educ (Admin.& Mgt) – *Chairman* Bord tal-Gvernatur tal-MCAST

*Membru jirrappreżenta lill-President tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla*
Is-Sur Jacques Sciberras M.Sc. (Econ) (York) NCHE

*Segretarju*
Ms Margaret Abdilla

Il-31 ta' Awissu, 2007

**No. 776**

**MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT**

**Permanent Committee for Education**

IT is notified for the general public that in terms of the Education Act (Cap. 327) the Permanent Committee for Education is composed as follows:

*Chairman*
The Hon. Dr Louis Galea, B.A., LL.D., M.P. – Minister of Education, Youth and Employment

*Deputy Chairman*
Mr Frans Borg, M.Ed., B.A., Dip.Admin &Mgt, Dip. Counselling – Permanent Secretary - MEYE

*Members*
Dr Cecilia Borg, Doct.e's Ling, Director General - MEYE
Mr Joseph F X Zahra, B.A. (Hons.) (Econ), M.A. (Econ). – Chairman NCHE
Ms Micheline Sciberras, Dip. Youth Stud., B.Ed.,(Hons), M.A. (Durham) – Director Policy Development and Programme Impl.
Mr Paul Attard, Dip. Educ (Admin.& Mgt) – Chairman Board of Governors MCAST

*Member representing the President of National Commission for Higher Education:*
Mr Jacques Sciberras M.Sc. (Econ) (York) NCHE

*Secretary*
Ms Margaret Abdilla

31st August, 2007

**Nru. 777**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Taqsima dwar il-Patrimonju Kulturali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356) kif emendat bl-Artikolu 57 (d) ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445), il-Ministru għat-Turiżmu u Kultura u l-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ħatru t-Taqsima dwar il-Patrimonju Kulturali tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Patrimonju, li jiskadi fid-29 ta' Mejju 2008, kif ġej:

Dott. Albert Ganado, MOM, KM, LL.D, B.A. *(Chairperson)*
Ms Joan Abela, B.A. (Hons)(History)

**No. 777**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Cultural Heritage Panel**

IN virtue of the powers granted by Section 5 of the Development Planning Act (Cap. 356) as amended by Article 57 (d) of the Cultural Heritage Act (Cap. 445), the Minister for Tourism and Culture and the Minister for Rural Affairs and the Environment appointed the Cultural Heritage Panel of the Heritage Advisory Committee, which will expire on the 29th May 2008, as follows:

Dr Albert Ganado, MOM, KM, LL.D, B.A. *(Chairperson)*
Ms Joan Abela, B.A. (Hons)(History)

Dott. Ray Bondin, B.A. (Hons), M.A. (Bar.Stud), Ph.D

Il-Perit Hermann Bonnici, BE&A (Hons), M.Sc. Arch, Con (Edin), A&CE

Il-Perit Konrad Buhagiar BE&A (Hons), Dip Cons (Rome), A&CE

Il-Perit Michael Ellul, MQR, BE&A (Hons), Dip Arch (Rome), FR Hist S (London), A&CE

Il-Perit Marie Louise Musumeci, A&CE

Il-31 ta' Awissu, 2007

**Nru. 778**

**ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI (KAP. 217)**

**Delega ta' Poteri**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217) il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern awtorizza lid-Direttur taċ-Ċittadinanza u ta' l-*Expatriates* biex jeżerċita f'ismu, is-setgħat biex jinħarġu ċertifikati tar-reġistrazzjoni/karti ta' residenza lil ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-familja tagħhom, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordni ta' l-2007 dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom (Avviż Legali Nru. 191 ta' l-2007), salvi dawk is-setgħat li huma b'liġi jew b'regolamenti mogħtija lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni.

Il-31 ta' Awissu, 2007

**Nru. 779**

**ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)**

**Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, il-15 ta' Settembru 2007, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tas-Sur I. Briffa Farrugia u Ms N. Vassallo.

Il-31 ta' Awissu, 2007

Dr Ray Bondin, B.A. (Hons), M.A. (Bar.Stud), Ph.D

Mr Hermann Bonnici, BE&A (Hons), M.Sc. Arch, Con (Edin), A&CE

Mr Konrad Buhagiar BE&A (Hons), Dip Cons (Rome), A&CE

Mr Michael Ellul, MQR, BE&A (Hons), Dip Arch (Rome), FR Hist S (London), A&CE

Ms Marie Louise Musumeci, A&CE

31st August, 2007

**No. 778**

**IMMIGRATION ACT (CAP. 217)**

**Delegation of Powers**

IN exercise of the powers vested in him by sub-article (1) of article 26 of the Immigration Act (Cap 217), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has authorised the Director, Citizenship and Expatriate Affairs to exercise on his behalf the powers for the issue of registration certificates/residence cards to EU nationals and their family members, in accordance with the provisions of the Free Movement of European Union Nationals and their Family Members Order 2007 (Legal Notice No 191 of 2007), other than those powers which are by law or regulations vested in the Principal Immigration Officer.

31st August, 2007

**No. 779**

**PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)**

**Upper Barrakka Gardens**

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 15th September 2007, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of Mr I. Briffa Farrugia and Ms N. Vassallo.

31st August, 2007

**Nru. 780**

**AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju ta' l-Impatt Ambjentali Limitat**

SKOND ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skond Skeda IB ta' l-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 4095/04
Post: Il-Magħtab, in-Naxxar
Proposta: Bini ta' Razzett tal-Fniek

L-impatti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-13 ta' Lulju, 2006.

**No. 780**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Application Number: PA 4095/04
Location: Il-Magħtab, Naxxar
Proposal: Construction of a Rabbit Farm

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 13th July, 2006.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Produzzjoni ta' Skart | Demel tal-fniek se jinħażen biex jintuża bħala fertilizzant. Barraminhekk, is-*sedimentation pit* u l-fossa huma ddisinjati biex jiżguraw kundizzjonijiet sanitarji tajbin. |
| *Waste Production* | *Rabbit manure will be stored for future use as fertiliser. Moreover the sedimentation pit and the cesspit have been designed to ensure sanitary conditions.* |
| Kontaminazzjoni ta' l-Art u/jew Ilma fil-Madwar | Skart likwidu se jiġi trasferit għas-*sedimentation pit* li tfur għal ġo fossa u jitneħħa permezz ta' bawżer. Skart solidu se jinħażen f'maħżen imsaqqaf. Għalhekk il-probabbiltà ta' kontaminazzjoni, hija żgħira. |
| *Contamination of surrounding land and/or water* | *Liquid waste will be conveyed to a sedimentation pit with overflow going into a cesspit and then removed by a bowser. Solid manure will be conveyed to a roofed manure storage facility therefore no contamination is likely to ensue.* |

| | |
|---|---|
| Pests | Il-bibien u l-aperturi kollha se jkunu magħmula minn ħadid galvanizzat sabiex ma jidħlux ġrieden. |
| *Pests* | *All doors and apertures of units will be made of galvanized iron, thereby preventing rodents from entering the units.* |
| Mard | Se jsir monitoragg tar-razzett kull tliet xhur. Dan il-monitoraġġ ikopri dawn l-oqsma:<br>Kundizzjonijiet ta’ saħħa ta’ l-annimali; u<br>Immaniġġar tar-razzett, inkluzi l-aspetti operattivi u sanitarji. |
| *Diseases* | *Monitoring will be carried out every three months. Such monitoring will cover the following aspects:*<br>*Animal health conditions; and*<br>*Farm management, including the operative and sanitary aspects.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista’ jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Il-31 ta’ Awissu, 2007

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

31st August, 2007

**Nru. 781**

**ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta’ l-artikolu 12 ta’ l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

**No. 781**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 24. 08. 07 | Lm6.78.8 (€15.81,1) | Lm0.13.0 (€0.30,3) |
| 27. 08. 07 | Lm6.82.3 (€15.89,3) | Lm0.13.1 (€0.30,5) |
| 28. 08. 07 | Lm6.82.9 (€15.90,7) | Lm0.13.0 (€0.30,3) |
| 29. 08. 07 | Lm6.80.3 (€15.84,6) | Lm0.13.0 (€0.30,3) |
| 30. 08. 07 | Lm6.81.7 (€15.87,9) | Lm0.13.1 (€0.30,5) |

Il-31 ta’ Awissu, 2007

31st August, 2007

**Nru. 782**

**ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET**
**(Kap. 296)**

**Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati**

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:-

**No. 782**

**LAND REGISTRATION ACT**

**(Cap. 296)**

**Notice of Intention to Register Titles to Land**

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:-

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| B'Buġia | Korrezzjoni ta' LRA 3273/2005.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 2322/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi ġiet korretta d-deskrizzjoni tal-proprjeta' sabiex tinkludi iċ-cens; | Il-Gvern ta' Malta | | 2322/07 |
| *B'Buġia* | *Correction of LRA 3273/2005*<br>*I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 2322/07, correction of the above mentioned application in the sense that the description of the property was corrected so as to include the groundrent;* | *The Government of Malta* | | |
| B'Buġia | Korrezzjoni ta' LRA 3273/2005 u LRA 2217/2003.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 2321/07 u LRA 2323/07, korrezzjonijiet ta' l-applikazzjonijiet hawn fuq imsemmija fis-sens illi ġiet korretta d-deskrizzjoni tal-proprjeta' sabiex tinkludi iċ-cens; | Il-Gvern ta' Malta | | 2321 u 2323 ta' l-2007 |
| *B'Buġia* | *Correction of LRA 3273/2005 u LRA 2217/2003.*<br>*I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 2321/07 and LRA 2323/07, corrections of the above mentioned applications in the sense that the description of the property was corrected so as to include the groundrent;* | *The Government of Malta* | | |
| B'Kara | Korrezzjoni ta' LRA 1518/1990 u LRA 1827/1999.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Joanne Lia applikazzjoni LRA 2078/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali; | Joseph Sciberras | | 2078/07 |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| *B'Kara* | *Correction of LRA 1518/1990 and LRA 1827/1999.<br>I am hereby giving notice that I have received from Notary Joanne Lia application LRA 2078/07, correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;* | | | |
| B'Kara | Korrezzjoni ta' LRA 1940/2007 u LRA 1941/2007.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Clyde La Rosa applikazzjoni LRA 2102/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali; | Georgina u Emily Gingell | 37005M<br>57899M | 2102/07 |
| *B'Kara* | *Correction of LRA 1940/2007 u LRA 1941/2007..<br>I am hereby giving notice that I have received from Notary Clyde La Rosa application LRA 2102/07, correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;* | | | |
| B'Kara | Korrezzjoni tat-titolu 14002037 (parti minn LRA 400/1999).<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 2153/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali; | Il-Gvern ta' Malta | | 2153/07 |
| *B'Kara* | *Correction of title 14002037 (part of LRA 400/1999).<br>I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2153/07, correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;* | *The Government of Malta* | | |
| B'Kara | Korrezzjoni ta' LRA 508/1997<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 2154/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali; | Il-Gvern ta' Malta | | 2154/07 |
| *B'Kara* | *Correction of LRA 508/1997.<br>I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2154/07, correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;* | *The Government of Malta* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| B'Kara | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond bin-Nri 9 u 11 fi Triq San Pawl, kantuniera man-Nri 19, 21, 23 u 25 fi Triq il-Madonna ta' Pompei; | Il-Gvern ta' Malta | | 2177/07 |
| *B'Kara* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement at Nos 9 and 11 in Triq San Pawl, corner with Nos 19, 21, 23 and 25 inTriq il-Madonna ta' Pompei;* | *The Government of Malta* | | |
| Birgu | It-terran Nru 55 fi Triq il-Kardinal; | Joseph Livori | 319150M | 2075/07 |
| *Birgu* | *The ground floor tenement at No 55 in Triq il-Kardinal;* | | | |
| Birgu | L-appartament Nru 6, formanti parti mill-blokk jismu 'Trafalgar' fi Triq il-Kardinal; | Joseph Livori et | 319150M | 2076/07 |
| *Birgu* | *Apartment No 6, forming part of a block named 'Trafalgar' in Triq il-Kardinal;* | | | |
| Birgu | L-Oratorju ta' San Gużepp f' Misraħ il-Vitorja; l-Oratorju u s-Sagristija f' Misraħ il-Vitorja; | Knisja Parrokkjali tal-Birgu | | 2168 u 2175 ta' l-2007 |
| *Birgu* | *St Joseph' s Oratory in Misraħ il-Vitorja; the Oratory and Sacristy in Misraħ il-Vitorja;* | *Parish Church of Birgu* | | |
| Birgu | Il-fond Nru 28 f' Misraħ il-Vitorja, bin-Nri 1, 2 u 3 fi Triq Nestu Laiviera; | Legat Gio. Luca Gauci anness mal-Knisja Parrokkjali tal-Birgu | | 2176/07 |
| *Birgu* | *Tenement No 28 in Misraħ il-Vitorja, and Nos 1, 2 and 3 in Triq Nestu Laiviera;* | *Legacy Gio. Luca Gauci annexed to the Parish Church of Birgu* | | |
| Birgu | Il-Knisja Parrokkjali u l-imħażen Nri 85 sa 87, fi Triq San Lawrenz; l-Uffiċju Parrokkjali f' Nru 89, Triq San Lawrenz; u id-Domus Curialis f' Nri 90 u 91 fi Triq San Lawrenz; | Il-Knisja Parrokkjali tal-Birgu; il-Konfraternita' ta' l-Immakulata Kunċizzjoni annessa mal-Knisja Parrokkjali tal-Birgu; u il-Legat Bartholomeo Testaferrata anness mal-Konfraternita' tal-BVM Della Carita' imwaqqfa fil-Knisja Parrokkjali tal-Birgu, rispettivament; | | 2443/07 |
| *Birgu* | *The Parish Church and stores Nos 85 to 87, in Triq San Lawrenz; the Parish Office at No 85, Triq San Lawrenz; and the Domus Curialis at Nos 90 and 91 in Triq San Lawrenz;* | *The Parish Church of Birgu; the Confraternity of the Immaculate Conception annexed to the Parish of Birgu; and the Lecacy Bartholomeo Testaferrata annexed to the Confraternity of the BVM Della Carita' erected in the Parish Church of Birgu, respectively;* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Bormla | Il-fond Nru 133 f' Xatt Bormla; | Salvatore Tabone | 747032M | 2150/07 |
| *Bormla* | *Tenement No 133 at Xatt Bormla;* | | | |
| Bormla | Il-fond Nru 148, inkluzi l-arja u l-kantina, fi Triq l-Oratorju; u l-garaxx jismu 'St Joseph' fi Triq John Pace; | Charles u Vicky, aħwa Vella | 249191M<br>228593M | 2198 u 2199 ta' l-2007 |
| *Bormla* | *Tenement No 148, including the airspace and basement, in Triq l-Oratorju; and the garage named 'St Joseph' in Triq John Pace;* | *Charles and Vicky, brother and sister Vella* | | |
| Bormla | Id-dar Nru 31, Suq Bonnici; | Emanuel Camilleri u martu Mary | 13246M<br>581847M | 2393/07 |
| *Bormla* | *House No 31 at Suq Bonnici;* | | | |
| Bormla | Il-fond Nru 13 fi Triq l-Ajkla; | Il-Gvern ta' Malta | | 2395/07 |
| *Bormla* | *Tenement No 13 inTriq l-Ajkla;* | *The Government of Malta* | | |
| Bormla | Id-dar Nru 2, bl-arja tagħha, fi Triq Erin Serracino Inglott; | George Vella | 865749M | 2401/07 |
| *Bormla* | *House No 2, with its airspace, in Triq Erin Serracino Inglott;* | | | |
| Fgura | Korrezzjoni ta' LRA 1869/1996.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 2152/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali; | Il-Gvern ta' Malta | | 2152/07 |
| *Fgura* | *Correction of LRA 1869/1996.*<br>*I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2152/07, correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;* | *The Government of Malta* | | |
| Għargħur | L-utile dominju perpetwu ta' porzjoni art magħrufa Tal-Arpa tal-kejl ta' 135 m.k., fi Triq Fra Duminku Mifsud; | Elena Borg | 490079M | 2242/07 |
| *Għargħur* | *The perpetual utile dominium of a portion of land known as Tal-Arpa covering an area of 135 s.m., in Triq Fra Duminku Mifsud;* | | | |
| Għargħur | Id-dirett dominju perpetwu ta' porzjoni mill-art Tal-Arpa; u tal-fond Nru 25 jismu 'Bertu' fi Vjal ir-Repubblika; | Il-Gvern ta' Malta | | 2448/07 |
| *Għargħur* | *The perpetual direct dominium of a portion of the landTal-Arpa; and of tenement No 25 named 'Bertu' inVjal ir-Repubblika;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħ'Attard | Korrezzjoni ta' LRA 3015/2006.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 2186/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata ma' l-applikazzjoni oriġinali; | Il-Gvern ta' Malta | | 2186/07 |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| *Ħ'Attard* | *Correction of LRA 3015/2006. I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 2186/07, correction of the above mentioned application as regards the substitution of the site plan relevant to the original application;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħ'Attard | Korrezzjoni ta' LRA 1513/2007. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Angele Rapa applikazzjoni LRA 2203/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi din trid tiġi ristretta għall-Plot 36, Plot 37 u l-livell tal-'ground floor' ta' Plot 38 biss; | L-Awtorita' tad-Djar | | 2203/07 |
| *Ħ'Attard* | *Correction of LRA 1513/2007. I am hereby giving notice that I have received from Notary Angele Rapa application LRA 2203/07, a correction of the above mentioned application in the sense that this should limited for Plot 36, Plot 37 and the ground floor level of Plot 38 only;* | *The Housing Authority* | | |
| Ħad-Dingli | Il-fond Nru 108 fi Triq il-Kbira; | Il-Gvern ta' Malta | | 2147/07 |
| *Ħad-Dingli* | *Tenement No 108 in Triq il-Kbira;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħad-Dingli | Korrezzjoni ta' LRA 29/2005. B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 2337/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi ġiet korretta d-deskrizzjoni tal-proprjeta' sabiex tinkludi iċ-cens; | Il-Gvern ta' Malta | | 2337/07 |
| *Ħad-Dingli* | *Correction of LRA 29/2005. I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 2337/07, correction of the above mentioned application in the sense that the description of the property was corrected so as to include the groundrent;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħal-Kirkop | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' biċċa art tal-kejl ta' 28,778 m.k.; | Elbros Concrete Ltd | C 8966 | 2141/07 |
| *Ħal-Kirkop* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of a portion of land covering an area of 28,778 s.m.;* | | | |
| Ħal-Lija | L-utile dominju temporanju tad-dar jisimha 'Ramoann' fi Triq Geronimo Abos; | David Anthony Pisani u martu Christine Denise | 417086M<br>31774M | 2457/07 |
| *Ħal-Lija* | *The temporary utile dominium of the house named 'Ramoann' in Triq Geronimo Abos;* | | | |
| Ħal-Qormi | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond bin-Nri 21, 22 u 23 fi Triq Pinto; | Il-Gvern ta' Malta | | 2093/07 |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| *Ħal-Qormi* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement at Nos 21, 22 and 23 in Triq Pinto;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħal-Qormi | L-appartament Nru 2, formanti parti mill-blokk jismu ‘Sydney Flats’ fi Sqaq Nru 7, Triq il-Vitorja; | Carmel Camilleri | 513933M | 2106/07 |
| *Ħal-Qormi* | *Apartment No 2, forming part of a block named ‘Sydney Flats’ in Alley No 7, Triq il-Vitorja;* | | | |
| Ħal-Qormi | Il-garaxx market mhux uffiċjalment bin-Nru 7 fi triq bla isem li tiżbokka ġo Triq San Ġwakkin; | Leslie Said et | 556878M | 2249/07 |
| *Ħal-Qormi* | *A garage unofficially marked with No 7 in a new unnamed street abutting into Triq San Ġwakkin;* | | | |
| Ħal-Qormi | Korrezzjoni ta’ LRA 607/2007.<br>B’ dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Pierre Cassar applikazzjoni LRA 2303/07, korrezzjoni ta’ l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi l-għalqa in kwestjoni imbiegħet bħala entita’ u mhux kwantita u għalhekk il-kejl mogħti huwa biss għal fini ta’l-iskrizzjoni fir-Reġistru Pubbliku; | Robert Debono u martu Marcelle | 131572M<br>426073M | 2303/07 |
| *Ħal-Qormi* | *Correction of LRA 607/2007.*<br>*I am hereby giving notice that I have received from Notary Pierre Cassar application LRA 2303/07, a correction of the above mentioned application in the sense that the field in question was sold as an entity and not quantity and therefore the surface area was given only to enter the note of inscription at the Public Registry;* | | | |
| Ħal-Safi | Biċċa art tal-kejl ta’ 5 m.k.; biċċa art tal-kejl ta’ 16 m.k.; | Il-Gvern ta’ Malta | | 2398 u 2399 ta’ l-2007 |
| *Ħal-Safi* | *A plot of land covering an area of 5 s.m.; a plot of land covering an area of 16 s.m.;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħal-Tarxien | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta’ tal-fond Nru 53 jismu ‘Dormaniana’ fi Triq Karlu Maratta; | Il-Gvern ta’ Malta | | 2089/07 |
| *Ħal-Tarxien* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 53 named ‘Dormaniana’ in Triq Karlu Maratta’* | *The Government of Malta* | | |
| Hamrun | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta’ tal-fond bin-Nri 34 u 35 fi Triq Santu Wistin; | Il-Gvern ta’ Malta | | 2095/07 |
| *Hamrun* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement at Nos 34 and 35 in Triq Santu Wistin;* | *The Government of Malta* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Ħamrun | Korrezzjoni ta' LRA 2000/2007 (titolu 27000246).<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Ian Spiteri applikazzjoni LRA 2164/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens li din kellha tiddaħħal bħala 'in parti talba għall-ewwel registrazzjoni u in parti trasferiment ta' 27000246; | Joseph Bartolo et | 255862M | 2164/07 |
| *Ħamrun* | *Correction of LRA 2000/2007 (title 27000246).*<br>*I am hereby giving notice that I have received from Notary Ian Spiteri application LRA 2164/07, a correction of the above mentioned application in the sense that this should have been entered at 'in part request for first registration and in part transfer of 27000246;* | | | |
| Ħaż-Żabbar | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' porzjoni diviża mill-art Ta' Caruana tal-kejl ta' 663 m.k.; | Il-Gvern ta' Malta | | 2091/07 |
| *Ħaż-Żabbar* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of a divided portion of the land Ta' Caruana covering an area of 663 s.m.;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħaż-Żabbar | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond jismu 'Ġiżimina' fi Triq il-Liftija; | Il-Gvern ta' Malta | | 2447/07 |
| *Ħaż-Żabbar* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of the tenement named 'Ġiżimina' in Triq il-Liftija;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħaż-Żebbuġ | Porzjoni diviża mill-art ta' San Filep tal-kejl ta' 370 m.k., fi Triq Luret Cutajar; | Mario Spiteri | 454866M | 2108/07 |
| *Ħaż-Żebbuġ* | *A divided portion of the land Ta' San Filep covering an area of 370 s.m., in Triq Luret Cutajar;* | | | |
| Ħaż-Żebbuġ | Drittijiet ta' kumpens rigward l-utile dominju perpetwu ta' bicca art fi Triq l-Imdina tal-kejl ta' 53 m.k.; ta' bicca art tal-kejl ta' 56 m.k., fi Triq l-Imdina; ta' bicca art tal-kejl ta' 59 m.k., fi Triq l-Imdina; ta' biċċa mill-art Ta' San Filep tal-kejl ta' 297 m.k.; ta' biċċa art tal-kejl ta' 33 m.k., fi Triq l-Imdina; ta' biċċa art tal-kejl ta' 61 m.k., fi Triq l-Imdina; | Il-Gvern ta' Malta | | 2116, 2117, 2119, 2121, 2137 u 2140 ta' l-2007 |
| *Ħaż-Żebbuġ* | *Compensation rights regarding the perpetual utile dominium of a plot of land in Triq l-Imdina covering an area of 53 s.m.; of a plot of land covering an area of 56 s.m., in Triq l-Imdina; of a plot of land covering an area of 59 s.m., in Triq l-Imdina; of a plot of the land Ta' San Filep covering an area of 297 s.m.; of a plot of land covering an area of 33 s.m., in Triq l-Imdina; of a plot of land covering an area of 61 s.m., inTriq l-Imdina;* | *The Government of Malta* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Ħaż-Żebbuġ | Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 176 fi Triq il-Kbira; | Il-Gvern ta' Malta | | 2185/07 |
| *Ħaż-Żebbuġ* | *The perpetual direct dominium of tenement No 176 in Triq il-Kbira;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħaż-Żebbuġ | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 31 fi Triq Santa Marija; | Carmen Azzopardi | 313275M | 2211/07 |
| *Ħaż-Żebbuġ* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 31 in Triq Santa Marija;* | | | |
| Ħaż-Żebbuġ | Drittijiet ta' kumpens rigward biċċa art tal-kejl ta' 46 m.k., fi Triq l-Imdina; | Il-Gvern ta' Malta | | 2439/07 |
| *Ħaż-Żebbuġ* | *Compensation rights over a plot of land covering an area of 46 s.m., in Triq l-Imdina;* | *The Government of Malta* | | |
| Ħaż-Żebbuġ | Korrezzjoni ta' LRA 387/2007.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Vincent Miceli applikazzjoni LRA 2440/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi l-proprjeta' qed tiġi reġistrata bħala libera u franka u mhux kif kien erronjement indikat fl-applikazzjoni oriġinali; | Il-Gvern ta' Malta | | 2440/07 |
| *Ħaż-Żebbuġ* | *Correction of LRA 387/2007.*<br>*I am hereby giving notice that I have received from Notary Vincent Miceli application LRA 2440/07, a correction of the above mentioned application in the sense that property is being registered as free and unencumbered and not as was erroneously indicated in the original application;* | *The Government of Malta* | | |
| Kalkara | Il-fond Nru 52, u terz indiviż tal-fond sovrastanti, Nru 54 jismu 'Josvin', fi Triq ir-Rinella; | Joseph Vella u Dorothy Galea | 419637M | 2309/07 |
| *Kalkara* | *Tenement No 52, and one third undivided share of the overlying tenement at No 54 named 'Josvin', in Triq ir-Rinella;* | | | |
| Kalkara | Id-dar Nru 23, bl-arja tagħha, fi Triq ir-Rinella; | David Parker Bland u martu Dr Yana Bland | 706451M | 2431/07 |
| *Kalkara* | *House No 23, with its own airspace, in Triq ir-Rinella;* | | | |
| L-Iklin | Korrezzjoni ta' LRA 13/2005.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 2349/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi ġiet korretta d-deskrizzjoni tal-proprjeta' sabiex tinkludi iċ-cens; | Il-Gvern ta' Malta | | 2349/07 |
| *L-Iklin* | *Correction of LRA 13/2005*<br>*I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 2349/07, correction of the above mentioned application in the sense that the description of the property was corrected so as to include the groundrent;* | *The Government of Malta* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| L-Isla | Id-dirett dominju temporanju tad-dar Nru 188 u l-ħanut Nru 189 fi Triq iż-Żewġ Mini; | Connie Previ et | 337636M | 2114/07 |
| *L-Isla* | *The temporary direct dominium of house No 188 and shop No 189 in Triq iż-Żewġ Mini;* | | | |
| L-Isla | Blokk ta' tminn apartmenti bin-Nru 132 jismu 'St Philip Flats' fi Triq il-Vitorja; | Connie Previ et | 337636M | 2115/07 |
| *L-Isla* | *A block of eight apartments at No 132 named 'St Philip Flats' in Triq il-Vitorja;* | | | |
| L-Isla | Il-garaxx Nru 176A fi Triq is-Sur; | Joseph Camilleri | 77936M | 2220/07 |
| *L-Isla* | *Garage No 176A in Triq is-Sur;* | | | |
| Marsa | L-utile dominju temporanju tal-fond Nru 97/99 fi Triq Stiefnu Zerafa; | Queenie Scerri | 693336M | 2189/07 |
| *Marsa* | *The temporary utile dominium of tenement No 97/99 in Triq Stiefnu Zerafa;* | | | |
| Mellieħa | Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 9 jismu 'Għadira Bay Apartments', f' Dawret it-Tunnara; | Il-Gvern ta' Malta | | 2094/07 |
| *Mellieħa* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 9 named 'Għadira Bay Apartments', at Dawret it-Tunnara;* | *The Government of Malta* | | |
| Mellieħa | Id-dirett dominju temporanju u s-sussewgenti proprjeta' tal-fond Nru 113 jismu 'Villa Peprina' fi Triq l-Etna; ta' l-appartament Nru 3, formanti parti minn 'Sunshine View' fi Triq il-Marfa; | Il-Gvern ta' Malta | | 2181 u 2184 ta' l-2007 |
| *Mellieħa* | *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 113 named 'Villa Peprina' in Triq l-Etna; of apartment No 3, forming part of 'Sunshine View' in Triq il-Marfa;* | *The Government of Malta* | | |
| Mellieħa | Nofs indiviż tad-dar Nru 21 fi Triq San Pawl; | Raymond Vella u martu Carmen | 499352M<br>412655M | 2222/07 |
| *Mellieħa* | *One half undivided share of house No 21 in Triq San Pawl;* | | | |
| Mellieħa | Korrezzjoni ta' LRA 2570/2002.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 2315/07, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi ġiet korretta d-deskrizzjoni tal-proprjeta' sabiex tinkludi iċ-cens; | Il-Gvern ta' Malta | | 2315/07 |
| *Mellieħa* | *Correction of LRA 2570/2002*<br>*I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 2315/07, correction of the above mentioned application in the sense that the description of the property was corrected so as to include the groundrent;* | *The Government of Malta* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Mellieħa | Korrezzjoni ta' LRA 2581/2002.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 2319/07 u LRA 2320/07, korrezzjonijiet ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi ġiet korretta d-deskrizzjoni tal-proprjeta' sabiex tinkludi iċ-cens; | Il-Gvern ta' Malta | | 2319 u 2320 ta' l-2007 |
| *Mellieħa* | *Correction of LRA 2581/2002.*<br>*I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 2319/07 and LRA 2320/07, corrections of the above mentioned application in the sense that the description of the property was corrected so as to include the groundrent;* | *The Government of Malta* | | |
| Mellieħa | Korrezzjoni ta' LRA 2569/2002.<br>B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 2331/07, LRA 2332/07, LRA 2333/07 u LRA 2334/07 korrezzjonijiet ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija fis-sens illi ġiet korretta d-deskrizzjoni tal-proprjeta' sabiex tinkludi iċ-cens; | Il-Gvern ta' Malta | | 2331, 2332, 2333 u 2334 ta' l-2007 |
| *Mellieħa* | *Correction of LRA 2569/2002.*<br>*I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 2331/07, LRA 2332/07, LRA 2333/07 and LRA 2334/07, corrections of the above mentioned application in the sense that the description of the property was corrected so as to include the groundrent;* | *The Government of Malta* | | |
Isegwi għalhekk li fil-mument li mietu l-ġenituri tal-kontendenti fil-konfront ta' terzi ma kien hemm ebda trasferiment causa mortis. Għalhekk għal dak li jirrigwarda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti ma kien hemm ebda neċessità li ssir dikjarazzjoni causa mortis. It-trasferiment vis a vis it-terzi jieħu effett meta jsir l-att pubbliku …Omissis…

Illi inoltre ma jagħmilx sens illi l-atturi jiddenunzjaw din il-proprjetà meta l-istess konvenut qed jikkontesta li huwa kien mandatarju prestanome ta' missier l-atturi u meta f'każ ta' eżitu favorevoli jrid isir l-att ta' trasferiment u titħallas it-taxxa relattiva;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost missier l-atturi żgur miet iktar minn għaxar snin minn meta ġiet intavolata din il-kawża u għalhekk dak li ġie deċiż in konfront tal-missier huwa korrett.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost in konfront ta' omm il-kontendenti mhux obbligu tal-mandat jew is-suċċessuri tiegħu li jiddenunzjaw l-proprjetà in kwistjoni imma kif jistipula l-Artikolu 1871 A (5) u (6) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-obbligu ta' dan huwa tal-mandatarju… Omissis…

Illi l-obbligi fiduċjarji kif stabbiliti mil-liġi huma dawk kif jirriżulta mill-Artikolu 1124 A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk mingħajr preġudizzju għad-dmir tal-fiduċjarju li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-akbar buona fede u li jaġixxi b' mod onest fil-każijiet kollha, il-fiduċjarju jkun marbut oltre affarijiet oħra li jeżerċita d-diliġenza ta' bonus paterfamilias fi twettiq ta' l-obbligazzjonijiet tiegħu… Omissis…

Illi l-eċċezzjoni fiha nnifisha mogħtija ħames snin wara

their reply filed on the 14th February 2007 and that is the following;

That a person that contracts in its own name as mandatary prestanome is considered for all intents purposes of law as regards third parties that he acquired the rights and obligations that result from this contract (see article 1871 of the Civil Code) …Omissis…

The mandatary prestanome towards the mandatory is obliged to come forward to a public deed …Omissis…

It follows thus that at the moment that the parents of the parties died as regards third parties there was no transfer causa mortis. Thus as regards the Tax on Documents Acts and Transfers there was no necessity that a declaration causa mortis be made. The transfer vis a vis third parties takes effect when the public deed is made. …Omissis…

That furthermore it does not make sense that the plaintiffs declare this property when the same defendant is contesting that he was a mandatary prestanome of the plaintiffs and when in case of a favourable exist a deed of transfer is to be made and the relative tax paid;

That without prejudice to the above the father of the plaintiff certainly died more than ten years before the presentation of his case and therefore that which was decided upon as regsrds the father is correct.

That without prejudice to the above as regards the mother of the parties it is not the duty of the mandatory or his successors to declare the property in question but as stipulated by Article 1871 A (5) and (6) of Chapter 16 of the Laws of Malta the obligation is that of the mandatary… Omissis…

That the fiduciary obligations as established by law are those as result from Article 1124 A of Chapter 16 of the Laws of Malta and thus without prejudice to the duty of the fiduciary to carry out his obligations with the utmost good faith and to act honestly in all cases, the fiduciary is bound besides other things to act like the bonus paterfamilias in the carrying out of his obligations…Omissis…

That the plea in itself raised five years after the

li bdiet il-kawża u wara li l-atturi għalqu l-provi tagħhom ma turix buona fede minn naħa tal-konvenut u dan aktar u aktar meta l-proprjetà in kwistjoni għadha sal-ġurnata tal-lum mhux f'idejn l-atturi u l-pussess da parti tagħhom tal-proprjetà qiegħed jiġi kkontestat mill-istess mandatarju konvenut;

Għaldaqstant is-soċjetà esponenti filwaqt li tagħmel riferenza għall-provi ġa prodotti u tirriserva li ġġib il-provi kollha li tippermettilha ġġib dina l-Onorabbli Qorti, titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġoba tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-ismijiet premnessi fit-3 ta' April 2007 u minflok tikkonferma d-digriet tagħha tas-16 ta' Jannar 2007, fis-sens li tiċħad l-eċċezzjoni imqajjma mill-konvenut fil-verbal tad-9 ta' Novembru 2006 u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Appellat: 9, Marlaur, Għar il-Lembi Street, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli Inferjuri), illum 28 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

commencement of the cause and after they concluded their proof does not show good faith on the part of the defendant and this more so when the property in question is till this day not in the possession of the plaintiffs and the possession on their parts of the property is being contested by the same defendant mandatary;

Thus the applicant company whilst referring to the proof produced and reserving to bring all the proof permitted by this Honourable Court prays with respect that this Honourable Court revokes and annuls the decision given by the Honourable Court of First Instance in the names premised on the 3rd April 2007 and instead confirm its decree of the 16th January 2007 in the sense that it rejects the pleas raised by the defendant in the minutes of the 9th November 2006 and order that the cause be continued.

Respondent: 9, Marlaur, Għar il-Lembi Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals), today 28th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1209

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Awissu 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 930/1994 RCP, fl-ismijiet Galea Salomone Dr Arthur noe vs Satariano Steven, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' kawża li reġgħet inġiebet għas-smigħ maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, it-Tlieta 30 ta' Mejju 2006, il-kawża Ċitazzjoni Numru 930/1994 RCP fl-ismijiet Galea Salomone Dr Arthur noe vs Satariano Steven, li kienet ikkanċellata mill-Ħamis, 27 ta' April 2006, reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għal nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2006 fid-9.30 a.m., quddiem l-Onor. Imħallef Raymond C. Pace, LL.D. u differita għat-13 ta' Ġunju 2007, fid-9.00 a.m., u differita għall-14 ta' Novembru 2007, fid-9.00 a.m.

Notifika: Steven Satariano: 181, Flat 11, Tower Road, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 9th August 2007, in the records of the Writ of Summons number 930/1994 RCP, in the names Galea Salomone Dr Arthur noe vs Satariano Steven, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Notice of a cause which was set down again for Hearing issued by the Registry Superior Courts, on Tuesday, 30th May 2006, the cause Writ of Summons Number 930/1994 RCP, in the names Galea Salomone Dr. Arthur noe vs Satariano Steven, which was cancelled since Thursday 27th April 2006, was set down again for hearing on Wednesday 11th October 2006, at 9.30 a.m., before Mr. Justice Raymond C. Pace, LL.D. and put off to the 13th June 2007, at 9.00 a.m., and put off to the 14th November 2007 at 9.00 a.m.

Notify: Steven Satariano: 181, Flat 11, Tower Road, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 29th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1210

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Awissu 2007, in segwitu għar-Rikors ta' Richard Pace, rikors numru 725/2006, Peter Paul Psaila, ġuvni, ġa interdett, bin Joseph u Anna neé Catania, imwieled u joqgħod il-Qrendi, ta' 59 sena u li għandu karta ta' l-identità numru 0194048 (M) ġie inabilitat.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 29 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 23rd August 2007, following an Application of Richard Pace, application number 725/2006, Peter Paul Psaila, bachelor, previously interdicted, son of Joseph and Anna neé Catania, born and residing in Qrendi, aged 59 and having identity card number 0194048 (M) was incapacitated.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 29th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1211

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-Rikors ta' Albert u Edward aħwa Fenech, rikors numru 459/2007, Francesco Fenech, żewġ Pauline Fenech, bin il-mejtin Giovanni u Antonia neé Sciberras imwieled Tas-Sliema u joqgħod San Pawl il-Baħar bil-karta ta' l-identità numru 0747522(M) ġie interdett.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 29 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an application of Albert and Edward, brothers Fenech, application number 459/2007, Francesco Fenech, husband of Pauline Fenech, son of the late Giovanni and Antonia neé Sciberras born in Sliema and residing at Saint Paul's Bay, identity card number 0747522(M) was interdicted.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today 29th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1212

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Ratan Mohnani (ID2014654(P)) ta' 122, The Strand, Gżira, ippreżenta talba fl-10 ta' Ottubru 2006 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Carmelo Stivala ta' 137, The Strand, Flat 2, Gżira, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, tliet mija u wieħed u disgħin lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu Lm4,391.35 (€10,229.09) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Avviż Nru. 306/06SM) hija differita għat-3 ta' Ottubru 2007 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Awissu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 18th June 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Ratan Mohnani (2014654(P)) of 122, The Strand, Gżira, filed a Claim on the 10th October 2006, whereby he asked the Court to condemn Carmelo Stivala of 137, The Strand, Flat 2, Gżira, to pay the plaintiff the sum of four thousand three hundred and ninty one Maltese liri and thirty five cents Lm4,391.35 (€10,229.09) representing amount due to the plaintiff.

With costs.

The case (Notice Number 306/06SM) is put off on the 3rd October 2007 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 29th August 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1213

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-10 ta' Awissu 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Mejju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alexia Cross (ID 316279M) ta' Seahea, Flat 1, Triq is-Simar, San Pawl il-Baħar, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u erbgħa u sittin lira Maltija u wieħed u ħamsin ċenteżmu Lm164.51 (€383.21) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (409/06VGD) hija differita għall-5 ta' Ottubru 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Awissu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th August 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 4th May 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Alexia Cross (ID 316279M) of Seahea, Flat 1, Triq is-Simar, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and sixty four Maltese liri and fifty one cents Lm164.51 (€383.21) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 409/06VGD) is put off on the 5th October 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 29th August 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1214

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-20 ta' April 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Korporazzjoni Telemalta
vs
Jason Schembri

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fit-2 ta' Frar 2004 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 1367/97) li ġiet deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru 1997, il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' sitt mija u erbgħin lira Maltija u sebgħa u tmenin ċenteżmu Lm640.87 (€1,492.83) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 310679, bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi s-soċjetà Maltacom p.l.c issuċċediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u għalhekk hija l-istess soċjetà rikorrenti li llum għandha interess fil-kawża indikata fl-ismijiet fuq premessi.

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 20th April 2005, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Telemalta Corporation
vs
Jason Schembri

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 2nd February 2004 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not. No. 1367/97) decided by the said Court on the 1st December 1997, the defendant was ordered to pay the sum of six hundred and forty Maltese liri and eighty seven cents Lm640.87 (€1,492.83), in connection with telephone service number 310679, with interest and costs.

The company Maltacom p.l.c. succeded Telemalta Corporation and so it is the same applicant company that has an interest in the cause in the names above mentioned.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ma ħallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut huwa tas-sorte indikat oltre mija u ħmistax-il lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmu Lm115.64 (€269.37) spejjeż u drittijiet professjonali skond taxxa annessa markata Dokument A kif ukoll tlett mija u ħamsin lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu Lm350.34 (€816.07) imgħax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-1 ta' Ottubru 2004, u għalhekk l-ammont dovut huwa ta' elf mija u sitt liri Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu Lm1,106.85 (€2,578.27) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rikorrenti: Spencer Hill, Marsa
Intimat: Jason Schembri – 26, Rohan, Ta' San Ġorg, San Ġiljan.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta
Maġistrat: Dott. Michael Mallia

Korporazzjoni Telemalta
vs
Jason Schembri

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,
Tordna notifika lill-kontroparti b'erbat (4) ijiem żmien għar-risposta.

Illum, 7 ta' Frar 2005.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Awissu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

From the said sum the defendant has not paid anything, so the amount due is that of the amount indicated, and also one hundred and fifteen Maltese liri and sixty four cents Lm115.64 (€269.37) expenses and professional fees as indicated in the annexed bill of cost marked Document A and also three hundred and fifty Maltese liri and thirty four cents Lm350.34 (€816.07) interest calculated at eight percent (8%) per year from the date of the judgement till the 1st October 2004, and so the amount due is one thousand one hundred and six Maltese liri and eighty five cents Lm1,106.85 (€2,578.27) saving any further interest till the effective payment.

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants to gather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap. 12) of the Laws of Malta, prays with respect to this Honorable Court that they be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.
Defendant: Jason Schembri, 26, Rohan, Ta' San Ġorġ, San Ġiljan.

In the Court of Magistrates Malta
Magistrate Dr Michael Mallia

Telemalta Corporation
vs
Jason Schembri

The Court,

Saw the application,
Orders that the debtor be notified and he has to file a reply within four days.

Today, 7th February 2005.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 29th August 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

1215

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta’ Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta’ digriet mogħti fit-23 ta’ Awissu 2007, in segwitu għar-Rikors ta’ Carmen Bonavia ordnat il-pubblikazzjoni ta’ l-inventarju relativ ta’ l-assi ta’ Joseph Bonavia, bin Grazio Bonavia u l-mejta Paola neé Xuereb, imwieled in-Naxxar u miet il-Mosta bejn il-lejl tal-31 ta’ Jannar, 2004 u l-1 ta’ Frar 2004, u li kellu karta ta’ l-identità numru 0593554(M) għal-nhar il-Ġimgħa, it-28 ta’ Settembru 2007, fil-ħdax ta’ filgħodu (11.00 a.m.) fl-uffiċċju numru 127, Triq Zekka, Valletta, b’att tan-Nutar Dottor Elena Farrugia.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta’ Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 29 ta’ Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 23rd August 2007, following an application of Carmen Bonavia, ordered the publication of the inventory relative to the assets of Joseph Bonavia, son of Grazio Bonavia and the late Paola neé Xuereb, born in Naxxar and died in Mosta, between the night of the 31st January, 2004 and the 1st February 2004, and who had identity card number 0593554(M) on Friday, 28th September 2007, at eleven in the morning (11.00 a.m.) at the office number 127, Triq Zekka, Valletta, by deed of Notary Dr. Elena Farrugia.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 29th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1216

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta’ l-Attijiet Nutarili, b’digriet tal-31 ta’ Lulju, 2007 ordnat il-korrezzjoni ta’ l-Att ta’ Mewt ta’ omm Joseph Psaila li jġib in-numru 2886 tas-sena 2006 fis-sens illi fil-kolonna intestata “Ismijiet mogħtijin”, l-isem “Maria Aquilina neé Schembri,” jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem “Maria Aquilina neé Vella”.

Illum, 31 ta’ Lulju, 2007.

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur tal-Qorti tar-Reviżjoni ta’ l-Attijiet Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 31st day of July, 2007 ordered the correction of the Act of Death of the mother of Joseph Psaila bearing number 2886 of the year 2006 in the sense that in the column entitled, “Names given” the name “Maria Aquilina neé Schembri” be cancelled and substituted with the name “Maria Aquilina neé Vella”.

This, 31st day of July, 2007

CARMEL MUSCAT
F/Registrar of the Court of Revision of Notarial Acts

1217

Ikun jaf kulħadd illi b’digriet tal-10 ta’ Mejju 2007, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta’ l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta’ notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Fil-Qorti Ċivili Prim Awla

Fl-atti tas-Subasta Numru: 151/04 fl-ismijiet:

Francis Fenech et
vs
Travellers Lodge Co Ltd

Imħallef: L-Onor. Dott. Gino Camilleri, LL.D.

Il-Qorti;

It is hereby notified that by a decree of the 10th May 2007, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale No. 151/2004 in the names:

Francis Fenech et
vs
Travellers Lodge Co Ltd

The Honourable Dr Gino Camilleri, LL.D.

The Court;

Wara li rat il-liberazzjoni tas-27 ta' Ottubru 2005, favur Bank of Valletta plc bil-prezz ta' Lm220,000.00 (€512,462.15) 'animo compensandi', rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li jappartjeni lil Travellers Lodge Co Ltd u cioè;

Korp ta' bini cioè Hotel bla numru magħruf bħala 'Travellers Lodge Hotel' b'faċċata fuq Pioneer Road, Buġibba kantuniera ma' Triq il-Ħġejjeġ, stmat li jiswa Lm1,575,000.00 (€3,668,763.10).

Billi fi ż-żmien stabbilit mill-Liġi FCJR Co Ltd kiser il-kwindena u offra Lm400,000.00 (€931,749.36) għall-fond hawn fuq imsemmi;

Fuq talba tal-Bank of Valletta plc, tiddekreta u tagħżel il-bejgħ b'irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fond hawn fuq imsemmi il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Novembru 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati;

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati-kreditur, id-debitur, il-liberatarju u dak li offra l-aħħar.

Ir-Reġistru ta' Qrati Superjuri, illum it-28 ta' Awissu, 2007

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Following the adjudication of the 27th October 2005, in favour of Bank of Valletta plc for the price of Lm220,000.00 (€512,462.15) 'animo compensandi', for the hereunder mentioned property that belong to Travellers Lodge Co Ltd, namely;

Hotel known as 'Travellers Lodge Hotel', accessible from Pioneer Road, Buġibba corner with Triq il-Ħġejjeġ, valued at Lm1,575,000.00 (€3,668,763.10).

Whereas FCJR Co Ltd interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm400,000.00 (€931,749.36) for the above mentioned tenement.

Following the request of Bank of Valletta plc, the Court therefore decrees and appoints Tuesday, 27th November 2007 between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final sale by auction of the aforementioned immovable, which sale is to be held in the corridors of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Registry of the Superior Courts, today the 28th August 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A (HONS)
For the Registrar of Courts and Tribunals

1218

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Lulju, 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2007, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2006, li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt.

a) L-utile dominju perpetwu tal-blokk ta' bini li jinsab il-Floriana, konsistenti fi tliet fondi sottostandi propjetà appartenenti għal terz, l-ewwel fond fi Pjazza Sant'Anna, numru disgħa u għoxrin (29) ġa numru tnejn u ħamsin (52), kantuniera ma Triq San Tumas, liema fond għandu bieb ieħor fi Triq San Tumas, numru tnejn u erbgħin (42) ġa numru sitta u erbgħin A (46A) u żewġ bibien oħra fi Triq San Tumas numri tlieta u erbgħin (43) u erbgħa u erbgħin (44) rispettivament ġa numri sebgħa u erbgħin (47) u tmienja u erbgħin (48) rispettivament, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom kif soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu kif imsemmi fil-kuntratt datat 28 ta' Ġunju 1989, fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza u stmat li jiswa Lm130,000 (€302,818.54).

By a decree given by the Civil Court First Hall on the 12th July 2007, following an application of HSBC Bank Malta plc the judicial sale which had been ordered by a decree of the 24th May, 2006 of the property hereunder described, shall be held at the First Floor of the Courts of Justice, Republic Street, Valletta on Tuesday 2nd October 2007, from 9.00 a.m. till mid-day.

a) The perpetual utile dominium of the block of buildings which is situated in Floriana consisting in three premises underlying property belonging to third parties, the first premises in Saint Anne Square, number twenty nine (29) previously number fifty two (52), corner with Saint Thomas Street, which premises has another door in Saint Thomas Street, number forty two (42) previously number forty six A (46A) and two other doors in Saint Thomas Street numbers forty three (43) and forty four (44) repectively previously numbers forty seven (47) and forty eight (48) respectively, with all their rights and appurtenances as subject to the annual and perpetual groundrent as mentioned in the contract dated 28th June 1989, in the records of Notary Dr. Victor Bisazza and assessed to be valued at Lm130,000 (€302,818.54).

b) L-utile dominju perpetwu tal-fond terran formanti parti minn blokk jismu Saint Anthony Buildings, fi Triq Sant' Anna, Floriana, liema blokk għandu entratura fi Pjazza Sant'Anna, bin-numru sitta u għoxrin (26) kompriż il-kantina, liema fond huwa aċċessibbli u jifforma parti integrali mill-fond terran hawn deskritt liema kantina tibqa' sejra għal taħt il-fond numru disgħa u għoxrin (29), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom kif soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu msemmi fil-kuntratt datat 28 ta' Ġunju 1989, fl-atti tan-Nutar Dott. Victor John Bisazza u stmat li jiswa Lm38,000 (€88,516.19).

ċ) Iż-żewġ ħwienet numru sebgħa u għoxrin (27) u tmienja u għoxrin (28) rispettivament sottoposti għall-beni ta' terzi, fi Pjazza Sant' Anna, Floriana, liberi u franki bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom u stmati li jiswew Lm66,000 (€153,738.64).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Wings Travel Company Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Alan Saliba fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Lulju, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Awissu, 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

b) The perpetual utile dominium of the groundfloor premises forming part of a block named Saint Anthony Buildings, in Saint Anne Street, Floriana, which block has an entrance in Saint Anne Square, numbered twenty-six (26), including the cellar, which premises is accessible and forms an integral part of the groundfloor premises hereunder described which cellar extends under the premises number twenty-nine (29), with all their rights and appurtenances as subject to the annual and perpetual groundrent mentioned in the contract dated 28th June 1989, in the records of Notary Dr. Victor John Bisazza and assessed to be valued at Lm38,000 (€88,516.19).

c) The two shops number twenty seven (27) and twenty eight (28) respectively underlying property of third parties, in Saint Anne Square, Floriana, free and unencumbered, with all their rights and appurtenances and assessed to be valued at Lm66,000 (€153,738.64).

The said premises is the property of Wings Travel Company Limited.

N.B. The said premises shall be sold as described by AIC Alan Saliba in his report sworn on the 24th July, 2006.

Registry of the Superior Courts, 30th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1219

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-31 ta' Mejju, 2007 fuq rikors ta' Anthony Azzopardi et noe, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Ottubru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-bejgħ bl-irkant li kien ġie ordnat b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2006, li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, VALLETTA, tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bla numru però bl-isem Attard House, fi Sqaq il-Qenċ, Ħaż Żebbuġ, Malta, mibnija fuq plot numru wieħed (1) formanti parti mill-artijiet tal-Qenċ, kontrada ta' l-Għarbi, limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, tal-kejl ta' ċirka elf, tliet mija u sebgħa u disgħin metru kwadru (1,397m.k) u konfinanti min-Nofsinhar ma' Sqaq il-Qenċ, mil-Lvant mal-plot numru tnejn (2) mill-istess artijiet u mit-Tramuntana ma' beni tal-familja Muscat, kif suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tletin Lira Maltin Lm30 (€69.88), u l-garaxx bla isem u bla numru mibni fuq parti mill-art immarkata bħala numri sittax, sbatax u tmintax (16,17 u 18) fi Mdina Road, Ħaż-

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 31st May, 2007, following an application of Anthony Azzopardi et noe, the judicial sale of the property hereunder described, which had been ordered by a decree of the 9th October 2006, shall be held on Thursday, 11th October 2007, at 9.00 a.m., in the Corridors of the Courts of Justice, Republic Street, Valletta.

The premises without number however named Attard House, in il-Qenċ Alley, Żebbuġ, Malta, built on plot number one (1) forming part of the lands tal-Qenċ, in the vicinity of tal-Għarbi, limits of Żebbuġ, Malta, of the area of circa one thousand, three hundred and ninety seven square metres (1,397 sq.m) and bordering on the South, with il-Qenċ Alley, on the East with plot number two (2) of the same lands and on the North with property of the family Muscat, as subject to the annual and perpetual groundrent of thirty Maltese Liri Lm30 (€69.88) and the garage without name and number built on part of the land marked number sixteen, seventeen

Żebbuġ, Malta, konfinanti mil-Lvant mat-triq u mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-aventi kawża tal-familja Gauci stmata li tiswa Lm450,000.00 (€1,048,218.00).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mary Theresa Attard.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-13 ta' Marzu, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Awissu, 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and eighteen (16, 17 and 18) in Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta, bordering on the East with the road, and on the other boundaries with property of the family Gauci assessed to be valued at Lm450,000.00 (€1,048,218.00).

The said premises is the property of Mary Theresa Attard.

N.B. The said premises shall be sold as described by AIC Valerio Schembri in his report which was sworn on the 13th March, 2006.

Registry of the Superior Courts, today 30th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1220

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim Awla fit-12 ta' Lulju 2007, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-bejgħ bl-irkant li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Frar, 2006, li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, tal-proprjetà hawn taħt deskritta.

Sehem ta' wieħed minn sittax (1/16) il-sehem indiviż mill-artijiet fl-Imtaħleb, fil-limiti tar-Rabat, Malta, konfinanti mill-Grigal ma' Triq 'Tal-Merħla', mix-Xlokk mal-Wied ta' Miġra l-Ferħa' u mill-Lbiċ ma' xatt il-baħar. Il-kejl ta' din l-art huwa ta' madwar mitejn u sittin (260) tomna ekwivalenti għal disgħa u għoxrin punt tnejn tnejn sebgħa (29.227) ettari. L-art kollha hija stmata li tiswa Lm980,000 (€2,282,785.93) fil-waqt li l-kwota indiviża ta' wieħed minn sittax (1/16)-il sehem minn din l-art kollha, hija stmata li tiswa Lm49,000 (€114,139.30).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Anthony Apap Bologna.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Lawrence Montebello fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Settembru, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awissu, 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall on the 12th July 2007, following an application of HSBC Bank Malta plc, the judicial sale which had been ordered by a decree of the 24th February 2006, of the property hereunder described shall be held at the first floor of the Courts of Justice, Republic Street, Valletta, on Tuesday, 2nd October 2007, from 9.00 a.m. till mid-day

One undivided share out of sixteen (1/16) of the lands in Imtaħleb , in the limits of Rabat, Malta, bordering on the North East with 'Tal-Merħla Street, on the South East with the Valley of Miġra l-Ferħa' and on the South West with the water front. The area of this land is of about two hundred and sixty tumoli (260) equivalent to twenty nine point two two seven (29.227) hectares. All the land is assessed to be valued at Lm980,000 (€2,282,785.93), whilst the undivided share of one-sixteenth (1/16) of all this land is valued at Lm49,000 (€114,139.30).

The said land is the property of Anthony Apap Bologna.

N.B. The said land shall be sold as described by AIC Lawrence Montebello in his report sworn on the 18th September, 2006 .

Registry of the Superior Courts, today 29th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

**DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA**
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

**PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI**
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti | Lm 2.00 (€4.66) |
| Child Protection – Procedures for Schools | Lm 1.50 (€3.49) |
| Geological Maps of Malta | Lm 7.00 (€16.31) |
| Geological Maps of Gozo | Lm 5.00 (€11.65) |
| Geological Maps of Malta and Gozo | Lm10.00 (€23.29) |
| Il-Bennej | Lm 3.50 (€8.15) |
| Il-Ġaħan ta' Binġemma | Lm 2.00 (€4.66) |
| Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri | Lm 1.00 (€2.33) |
| Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998 | Lm 1.00 (€2.33) |
| Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer | Lm 1.00 (€2.33) |
| Overview of the History & Development of the Public Works Department in the Maltese Islands | Lm 5.00 (€11.65) |
| Santo Spirito Hospital | Lm 2.00 (€4.66) |

**PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI**
STATISTICAL PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| A Window on the World of Work | Lm 2.00 (€4.66) |
| Benchmarking Malta in Europe | Lm 3.00 (€6.99) |
| Children | Lm 3.00 (€6.99) |
| Culture Statistics 2004 | Lm 2.00 (€4.66) |
| Demographic Review 2005 | Lm 3.00 (€6.99) |
| Education Statistics 2004 (CD) | Lm 4.50 (€10.48) |
| Environment Statistics 2006 | Lm 5.00 (€11.65) |
| Household Budgetary Survey | Lm 8.00 (€18.63) |
| Malta in Figures 2005 | Lm 2.00 (€4.66) |
| Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD) | Lm 4.50 (€10.48) |
| Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002 | Lm 4.00 (€9.32) |
| Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001 | Lm 2.00 (€4.66) |
| Sports Organisations 2000 – 2002 | Lm 3.00 (€6.99) |
| Survey on ICT Usage in Households 2002 | Lm 2.00 (€4.66) |
| Trade Statistics 200 (CD) | Lm 5.00 (€11.65) |
| Transport Statistics 2005 (CD) | Lm 2.00 (€4.66) |

**Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni**
**3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta**

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

**DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA**
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

## PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Acts of Parliament 2006 on compact disc (CD) | Lm 6.00 (€13.98) |
| Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD) | Lm 5.00 (€11.65) |
| CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD) | Lm 3.00 (€6.99) |
| Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998 | Lm 1.00 (€2.33) |
| Code of Ethics for Members of the Judiciary | Lm 1.00 (€2.33) |
| Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education | Lm 1.80 (€4.19) |
| Diskors tal-*Budget* 2007 | Lm 1.00 (€2.33) |
| Economic Bulletin – September 2006 | Lm 2.00 (€4.66) |
| Economic Survey 2006 | Lm 2.00 (€4.66) |
| Electoral Register, April 2007 | Lm10.40 (€24.23) |
| Electoral Register, Local Councils, April 2007 | Lm40.00 (€93.17) |
| Estimates 2007 | Lm 2.00 (€4.66) |
| Financial Report 2005 | Lm 3.00 (€6.99) |
| Il-Manwal tal-President tar-Repubblika | Lm 0.50 (€1.16) |
| Industry Strategy for Malta: 2007-2010 | Lm 1.00 (€2.33) |
| Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti | Lm 1.00 (€2.33) |
| Legal Notices and Bye-Laws 2006 on compact disc (CD) | Lm 6.00 (€13.98) |
| Malta's Parliament – An Official History | Lm18.00 (€41.93) |
| Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005 | Lm 1.75 (€4.08) |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan | Lm 1.00 (€2.33) |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged | Lm 0.25 (€0.58) |
| Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General | Lm 1.50 (€3.49) |
| Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division | Lm 1.75 (€4.08) |
| Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence | Lm 1.50 (€3.49) |
| Performance Audit – School Information System – Education Division | Lm 2.00 (€4.66) |
| Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit | Lm 1.50 (€3.49) |
| Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises | Lm 1.50 (€3.49) |
| Portfolio Assessments | Lm 4.00 (€9.32) |
| Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta | no charge |
| Public Service Management Code (6th Edition – December 2005) | Lm 7.00 (€16.31) |
| Report of the Auditor General – Public Accounts 2004 | Lm 1.50 (€3.49) |
| Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010 | Lm 1.00 (€2.33) |
| The Press Act | Lm 0.50 (€1.16) |
| The Registers of the Medical Council (Malta) 2005 | Lm 3.00 (€6.99) |
| Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD) | Lm 2.00 (€4.66) |

**Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni**
**3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta**

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

**L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss**
***Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only***

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*